MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 242/2011/1

**Philip Attard (ID 491056M)**

**vs**

**Kunsill Lokali Floriana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-3 ta' Frar 2012 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ppronunzjat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"It-Tribunal,*

*Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-Kunsill konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef erba' mija tmienja u tletin Ewro (€3,438) kif likwidati fil-prospett hawn esebit u anness bhala Dokument "A" jew kwalsiasi somma [ohra] verjuri, liema*

*somma ma teccedix il-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal bl-imghax skont il-ligi.*

*L-ammont fuq imsemmi jirrapresenta danni u telf ta' qliegh kagunati lill-attur mill-kunsill konvenut meta dan ta' l-ahhar irrifjuta li johrog permess ta' hotdog stand bil-lejl fil-granet ta' 30 ta' Lulju u t-3 t' Awissu, 2010 u cioe' waqt l-avveniment ta' Rod Stewart in concert u l-Winter Moods. Liema rifjut kien manifesta[men]t zbaljat u irritu fil-ligi kif anke jirrizulta mid-decizjoni tal-Bord tal-Gvernanza lokali hawn anness bhala Dokument "B".*

*Inoltre jirrizulta manifestament mill-korrispondenza bejn il-partijiet kopja ta' liema hawn esebita u mmarkata minn Dokument C1 sa C5 li d-decizjoni tal-Kunsill konvenut ittiehed minghajr ebda raguni valida fil-ligi, b'mala fede u b'mod pregudizzjali ghad-drittijiet ta' l-attur.*

*Bl-imghax u spejjez skont il-ligi, inkluz ta' l-ittra ufficjali ta' Jannar, 2011.*

*Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut, li eccepixxa illi fl-ewwel lok LN 119/2002 (10) (8) tistipula li Kunsill Lokali huwa obligat li johrog permessi biss f'attivitajiet ta' festi religjuzi; Illi l-Kunsill Lokali ghandu diskrezzjoni jekk johrog permess ta' attivitajiet ohra kif ukoll f'liema toroq u dan abbazi ta' LN 119/2002 (10) (6); Illi hadd ma nghata permess fit-triq fejn ried jarma l-attur; Illi z-zona fejn ried jarma l-attur kienet zona allokata lill-organizzatur u kien sta ghall-organizzatur sabiex johrog permess; Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa esagerat.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

*Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.*

*Semgha t-trattazzjoni.*

*Ikkunsidra,*

*Illi permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qed jitlob li jigu likwidati danni sofferti minnu a bazi ta' decizjoni zbaljata li ttiehdet mill-Kunsill Lokali tal-Furjana, meta gie mcahhad mid-dritt li jarma kiosk tal-hot dogs f'zewg attivitajiet li gew organizzati fuq il-Fossos, il-Furjana, fis-Sajf tal-2010, u dan billi ma nghatax permess sabiex jarma l-kiosk tieghu. Illi jidher li l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq id-decizjoni li nghatat mill-Bord ta' Governanza, wara appell interpost minnu b'segwitu tad-decizjoni li giet komunikata lilu permezz ta' korrispondenza mibghuta mill-istess Kunsill, in forza ta' liema decizjoni gie dikjarat illi "... r-rifjut tal-Kunsill tal-Floriana f'dan il-kaz huwa irritu."(a fol 8 tal-atti). Illi l-attur qed isostni illi bhala ma nghata l-permess mill-Kunsill in kwistjoni, u ohrajn, sabiex jarma f'attivitajiet simili, u mhux biss f'festi religjuzi, allura l-istess kellu jinghata permess mill-Kunsill sabiex jarma f'dawn iz-zewg attivitajiet, u li rrifjut tal-Kunsill konvenut kkawza pregudizzju ghall-attur.*

*Illi da parti tieghu, il-Kunsill konvenut, tramite tas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tieghu, jsostnu illi mhux minnu li d-decizjoni li ha l-istess Kunsill li ma jinhareg ebda permess ghal dawn iz-zewg attivitajiet kienet decizjoni zbaljata, u jghaddu sabiex jispjegaw illi kien hemm diversi ragunijiet amministrattivi ghalfejn ittiehdu tali decizjonijiet, fosthom li b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.04, l-istess Kunsill ma kienx obbligat li johrog tali permess, oltre illi l-mizata li setghu jitolbu u jigbru minghand l-applikanti ma kienetx ser tiggustifika l-ispejjez li kien ser jinkorri l-Kunsill (bhal per ezempju, ta' gbir ta' skart, fost ohrajn) b'segwitu ta' dawn l-attivitajiet. Illi ghalhekk il-Kunsill konvenut isostni illi t-talba ghall-kundanna ta' danni li saret fil-konfront tieghu m'hix wahda gustifikata, oltre li gew ikkontestati wkoll id-danni reklamati mill-attur, in kwantu dawn ma gewx sostanzjati b'dokumenti ufficjali li jigu sottomessi mal-awtoritajiet kompetenti, bhal m'huma l-income tax returns tal-attur, sostanzjati bil-profit and loss relattivi.*

*Ikkunsidra,*

*Illi l-azzjoni postulata mill-attur, ghalkemm azzjoni ghad-danni, ghandha elementi simili ghal dawk l-azzjonijiet fejn ikun qed jintalab stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, liema tip ta' azzjoni sigurament ma tinkwadrax ruhha fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi mill-atti mressqa milll-istess attur, senjatament b'referenza ghad-decizjoni li nghatat mill-Bord dwar il-Governanza Lokali, ir-rimedji a disposizzjoni tal-attur fir-rigward tar-rifjut*
*tal-Kunsill konvenut li johrog il-permess sabiex l-applikant jarma l-kiosk tieghu f'dawn iz-zewg attivitajiet, kienu diversi ("Il-Bord jifhem ukoll li l-appellant kellu rimedju li jappella minn din id-decizjoni lil Licensing Appeals Board skont kif provdut fil-Ligi applikabbli)" inkluz li jsir appell taht il-provvedimenti tal- Legislazzjoni Sussidjarja 441.07, senjatament kif jipprovdi Parti V tal-istess legislazzjoni. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi l-attur ttenta dawk il-proceduri, izda minnflok li talab revoka ta' dik id-decizjoni permezz ta' dik il-procedura specjali, ressaq l-azzjoni odjerna fejn qed jitlob likwidazzjoni u hlas ta' danni.*

*Illi mill-provi mressqa mill-Kunsill konvenut, mhux ikkuntrarjati mill-attur, jirrizulta illi l-Kunsill ha d-decizjoni li ma johrog ebda permess sabiex persuni licenzjati jarmaw il-kiosks taghhom ghal dawn iz-zewg attivitajiet, u ghalhekk id-decizjoni tal-Kunsill konvenut kienet applikabbli u effettiva fil-konfront ta' kull applicant interessat, u mhux limitata fil-konfront tal-attur biss. Illi ghalhekk l-attur sigurament ma jistax jilmenta minn xi azzjoni jew decizjoni diskriminatorja da parti tal-Kunsill fil-konfront tieghu, u se mai, kellu jirrivolgi t-talba tieghu sabiex jarma l-kiosk lill-organizzaturi ta' dawn iz-zewg attivitajiet, li jidher li kellhom l-amministrazzjoni u mmaneggjar shih tal-inhawi fejn solitament jarmaw persuni li ghandhom il-kiosks, bhal m'ghandu l-attur.*

*Illi ghalkemm permezz tad-decizjoni li nghatat mill-Bord tal-Governanza id-decizjoni, ossia rifjut, tal-Kunsill konvenut gie meqjus u dikjarat bhala "irritu" minn dak il-Bord, dan mhux necessarjament ifisser u jwassal sabiex it-Tribunal jkun marbut b'tali decizjoni, partikolarment tenut kont tan-natura ta' dawk il-procedimenti, u r-*

*rakkomandazzjonijiet u osservazzjonijiet rizultanti minn dik id-decizjoni, oltre wkoll illi l-attur naqas milli jittenta proceduri specifikament intizi ghal cirkostanzi bhal dawk li sab ruhu fihom, liema proceduri setghu wasslu ghal ezitu aktar ekwu minn dak li qed jintalab permezz tal-azzjoni odjerna, kemm-il darba l-ilment tal-attur kien jirrizulta gustifikat.*

*Illi ghalhekk, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn espressi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba tal-attur ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni m'hix wahda gustifikata, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jirrespingi din it-talba.*

*Ghaldaqstant, filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-Kunsill konvenut, it-Tribunal jichad it-talba tal-attur.*

*L-ispejjez ta' din il-kawza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet"*.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Attard (ID 491056M) datat 20 ta' Frar 2012 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bi spejjez kontra l-istess konvenut.

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali Floriana datata 12 ta' Marzu 2012 a fol 6 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-24 ta' Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Mark Refalo ghall-appellanti prezenti, u Dr. Martin Fenech ghall-Kunsill Lokali appellat, u rapprezentant tal-Kunsill Svetlik Flores. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolo ghall-15 ta'  Novembru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza nkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 3 ta' Frar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji huma li (a) mhux minnu li kawza kienet dwar stharrig amministrattiv izda segwa l-proceduri abbazi tal-**artikolu 5 (e) tal-Avviz Legali 63 tal-2010;** (b) ma jistax il-Kunsill iqajjem ragunijiet godda ghaliex il-permess ma harigx la darba dawn ma inghatawx meta gie michud il-permess u lanqas il-Bord tal-Governanza.

Illi dwar l-ewwel punt l-aggravju huwa ben fondat ghaliex jirrizulta car li l-azzjoni attrici saret wara li l-attur kien mexa skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 (e) tal-Avviz Legali 63/2010 tant li kien hemm decizjoni mill-Bord tal-Governanza li sostna li l-ilment tal-appellant quddiemu kien gustifikat in kwantu r-rifjut tal-Kunsill tal-Floriana ma kienx legalment gustifikat ghar-ragunijiet hemm indikati. Mela allura l-artikolu 469A tal-Kap. 12 (4) ma setghax japplika ghall-kaz in ezami. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju dan ukoll huwa gustifikat anke *in vista* tal-fatt li t-Tribunal ma ghandux u ma setghax jinjora decizjoni ta' organu legalment u validament mehuda. Altrimenti nigu fis-sitwazzjoni li decizjonijiet validi minn organi u tribunali kompetenti li johduhom jigu facilment injorati u ma jkollhom ebda valur.

Illi fil-fatt l-azzjoni attrici kienet konsegwenti ghal tali decizjoni, decizjoni li giet mehuda u li allura t-Tribunal kellu josserva u mhux jinjora ghal kollox qisa qatt ma kienet hemm. Fuq kollox il-Kunsill konvenut ma ghamel xejn sabiex jattakka tali decizjoni tal-Bord tal-Governanza u ghalhekk illum huwa marbut biha.

Illi dan iwassal sabiex tigi annullata d-decizjoni tat-Tribunal u b'hekk din il-Qorti sejra skont il-Kap. 389 tiddeciedi hija l-mertu abbazi tal-provi prodotti, la darba d-decizjoni kienet fuq il-kawza u l-eccezzjoni kollha li t-Tribunal kellu quddiemu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-decizjoni tal-Kunsill Lokali kienet zbaljata u mhux skont il-ligi, kif gja gie determinat bid-decizjoni tal-Bord tal-Governanza Lokali (Dok. "B").

Illi jirrizulta li b'effett ta' tali decizjoni l-attur appellant soffra nuqqas ta' qliegh u dan skont rendikont dettaljat esebiet bhala Dok. "A" mal-Avviz tat-Talba li bl-ebda mod ma gie kontestat u ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-talba fl-istess ammont, ghaliex lanqas huwa kontradett minn xejn, u jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-Ligi. B'hekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fl-ammont ta' €3,438.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-Kunsill Lokali Floriana datata 12 ta' Marzu 2012, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Philip Attard fir-rikors tal-appell datata 20 ta' Frar 2012, u b'hekk tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi "Philip Attard vs Kunsill Lokali Floriana" datata 3 ta' Frar 2012 (Talba Numru 242/11 GB) b'dan li minflok tichad ir-risposta tal-Kunsill Lokali quddiem it-Tribunal datata 12 ta' Mejju 2011, u tilqa' t-talba attrici quddiem l-istess Tribunal u tikkundanna lill-Kunsill Lokali tal-Floriana ihallas lill-attur appellant l-ammont ta' tlett elef erba' mija tmienja u tletin ewro (€3,438) rapresentanti danni u telf ta' qliegh ikkagunati lill-attur mill-kunsill konvenut konsegwenza li r-rifjut tal-hrug tal-permess ta' *hotdog stand* bil-lejl fil-granet ta' 30 ta' Lulju u t-3 t' Awissu, 2010 u cioe' waqt l-avveniment ta' Rod Stewart *in concert* u l-Winter Moods kien manifestament zbaljat**

**u irritu fil-ligi kif anke jirrizulta mid-decizjoni tal-Bord tal-Governanza Lokali fuq indikata.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tat-talba quddiem it-Tribunal lill-Kunsill Lokali tal-Floriana fis-17 ta' Marzu 2011 sal-effett pagament kontra l-Kunsill Lokali Floriana konvenut u appellat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------